MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 159/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Shaun Galea**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra David Shaun Galea, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 265390(M) talli fit-12 ta' Jannar 2011, ghal-habta ta' 15.40hrs fi Triq Manuel Dimech, Qormi:

(1) saq vettura Nru. LCA-474 meta kellu liċenzja tas-sewqan sospiża u meta kien hekk sospiż milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 24/7/2008 (Magt. Dr S. Demicoli LL.D);

(2) saq l-istess vettura Nru LCA-474 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;

(3) saq 1-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(4) saq vettura Nru LCA-474 b'manjiera perikoluża;

(5) saq vettura Nru LCA-474 mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq;

(6) sar reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġgistrati (Malta) datati 24/7/2008 u fit-28/1/2010 (Magt Dr. S. Demicoli LL.D) liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi David Shaun Galea jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Marzu 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 59 tal-Kap 65, l-artikolu 3 tal-Kap 104, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u MVR 75 LS.65.11, ikkundannat lill-imsemmi David Shaun Galea għall-piena ta' sitt xhur priġunerija kif ukoll, a tenur ta' l-artikolu 3(2)(c) ordnat il-konfiska tal-vettura numru tar-reġistrazzjoni LCA-474;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' David Shaun Galea ppreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata, fis-sens li ma ġewx spjegati l-fatti, kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; jew fin-nuqqas, tħassarha u tirrevokaha fit-totalita` tagħha in kwantu ma hemmx provi biżżejjed sabiex setgħu iwasslu għall-kundanna tiegħu, u għalhekk tilliberah minn kull piena u imputazzjoni; jew fin-nuqqas, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet numri tnejn, tlieta, erbgħa u ħamsa, tvarjaha u timmodifikaha fis-sens illi tilliberah mill-ewwel imputazzjoni u kif ukoll mis-sitt imputazzjoni fejn ġiet imputata lilu r-reċidiva bis-sentenzi hemm ċitati, u fi kwalunkwe każ tikkonverti l-piena għal waħda li fiċ-ċirkostanzi ma tkunx priġunerija effettiva;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda mill-ġdid; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi fl-ewwel lok, l-esponent jikkontendi li s-sentenza odjerna hija nulla, u dan għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma spjegatx biżżejjed il-fatti illi tagħhom l-esponent instab ħati, u dan imur kontra dak li jitlob l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Miżjud ma' dan, għandu jingħad illi anke meta ordnat il-konfiska tal-vettura, il-Qorti ċċitat artikolu tal-liġi, iżda ma ċċitatx għal liema kapitolu tal-liġijiet ta' Malta jirreferi dan l-artikolu.
>
> "Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jingħad illi fil-mument ta' l-allegat reat, il-Pulizija ma identifikawx il-persuna, iżda ħadu biss in-numru tal-vettura. Fi kliem iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li xehdu: 'aħna ħadnielu n-numru LCA-474 u l-għada l-Ħamis 13/1/11 mort inkellem lil sid il-vettura li huwa ċertu Mario Galea'. Fil-ħin illi seħħ l-allegat reat, għalhekk ma jistax jingħad biċ-ċertezza li trid il-liġi min kienet il-persuna li kienet qed issuq il-vettura. Iktar minn hekk, kien biss l-għada (jiġifieri għaddew numru ta' sigħat, jekk mhux ġurnata), li l-Pulizija marru jkellmu lis-sid il-vettura!

"Illi fil-fatt l-unika prova li hemm dwar l-allegat fatt hu l-affidavit tal-Pulizija, li huwa kostruwit fuq informazzjoni li ħadu mingħand missier l-appellant, u cioe` Mario Galea, u fuq ammissjoni ta' l-esponent stess meta mar minn jeddu għand il-Pulizija.

"Illi l-esponent isostni illi tali ammissjoni u l-mistoqsijiet li saru anke lill- missier, li kien akkużat fi-istess seduta ma' l-iben, ġew meħuda meta ma kinux muniti bl-avviż lil kull wieħed minnhom li setgħu jikkonsultaw ma' l-avukati rispettivi tagħhom.

"Illi di piu` kwalunkwe ħaġa li qal il-missier fuq ibnu għandha titqies li setgħet kienet dikjarazzjoni ta' ko-akkużat u aktar minn hekk, peress li hu relatat miegħu bid-demm, ġew skartati s-salvagwardji li jingħataw lil parentela ta' din ix-xorta mill-Artikolu 633 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Illi di piu` kien hemm kunflitt ta' provi, dwar jekk ir-reat in kwistjoni ġarax fil-ġurnata li qed tiġi imputata lill-esponent, u fil-fatt sar verbal f'dan is-sens li jwassal għal dubju serju jekk il-jum li allegatament ġie kommess ir-reat fih kienx dak tat-12 ta' Jannar 2011.

"Illi di piu` l-ewwel akkuża ma treġġix peress li s-sospensjoni tal-liċenjza msemmija fid-deċiżjoni tal-Maġistrat Saviour Demicoli ta' l-24 ta' Lulju 2008 kienet għal perjodu ta' sena u nofs, u kwindi l-effetti tas-sospensjoni kienu sa l-24 ta' Jannar 2010; meta l-allegat reat li qed jiġi akkużat bih fil-kawża odjema okkorra fit-12 ta' Jannar 2011.

"Illi ma tirriżultax lanqas ir-reċidiva peress li f'ebda stadju tal-kawża ma ġew esebiti kopji awtentiċi tas-sentenzi ċitati. Il-fedina penali waħidha ma tissodisfax l-estremi kollha tal-provi rikjesti biex tikkonfigura r-reċidiva. Il-fedini penali ma huma xejn ħlief assunt tas-sentenzi għall-fini ta' referenzi dipartimentali.

"Illi fi kwalunkwe każ, sitt xhur priġunerija għal reat ta' din ix-xorta, anke jekk għas-saħħa ta' l-argument tikkonfigura r-reċidiva, kienu esaġerati fiċ-ċirkostanzi, tenut kont li l-partijiet saħansitra qablu li l-esponent jagħmel xogħol ta' *delivery man* u li l-iskop ta' piena ta' priġunerija se tkun biss intiża biex tħarbatlu ħajtu meta llum għandu impjieg *full-time* u għadu ta' eta` relattivament żgħira.

"Illi dawn ix-xorta ta' pieni huma sproporzjonati tenut kont per eżempju li fil-kawza **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** deċiża fl-1 ta' Marzu 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali issostitwiet piena ta' karċerazzjoni effettiva għal waħda sospiża, u dan f'każ ta' reat li kien saħansitra wassal għall-mewt ta' Clifford Micallef."

**6.** Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 l-Avukat Dottor Andy Ellul għall-appellant irtira l-aggravju fejn ikkontenda illi s-sentenza hija nulla għaliex l-ewwel Qorti ma spjegatx biżżejjed il-fatti illi tagħhom huwa nstab ħati, u għaliex meta ordnat il-konfiska tal-vettura, għalkemm iċċitat artikolu tal-liġi ma ċċitatx il-

kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta li dwaru jirreferi dan l-artikolu. Inoltre rtira wkoll l-aggravju li permezz tiegħu kkontenda li kien hemm konflitt ta' provi dwar jekk ir-reat in kwistjoni ġarax fil-ġurnata li qed tiġi imputata lilu. Konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-aggravji.

**7.** Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni. Bħala xhieda għandna l-affidavit ta' P.S. 305 A. Gauci u dak ta' P.C. 804 L. Formosa. Imbagħad quddiem din il-Qorti xehed il-Maġġur 227 Joseph Chalker li kkonferma li kien ippreżenta dawn l-affidavits. Xehdu wkoll *viva voce* l-imsemmijin P.S. 305 u P.C.804 kif ukoll Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta.

**8.** Issa, kemm P.S. 305 kif ukoll P.C. 804 xehdu illi kellmu lil Mario Galea, missier l-appellant. Mario Galea ma ġiex prodott bħala xhud u għalhekk dak li seta' qalilhom dan Mario Galea jista' jitqies biss bħala *hearsay evidence*. Fuq dak li qalilhom Mario Galea, bagħtu għall-appellant biex ikellmuh u dan mar l-uffiċċju ta' l-ALE fejn ġie mistoqsi minn P.S. 305 jekk kienx hu qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni. Skond P.S. 305 u P.C. 804, l-appellant ammetta magħhom li kien hu li saq il-karozza in kwistjoni. Din id-dikjarazzjoni hi l-unika prova li fuqha l-prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha, peress illi P.S. 305 u P.C. 804 ma setgħux jidentifikaw min kien qiegħed isuq il-karozza LCA-474, salv li kienet misjuqa minn żagħżugħ.

**9.** Issa, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Psaila**, fejn ukoll kellu jiġi deċiż jekk kellux jiġi injorat dak li l-appellat f'dak il-każ kien qal lill-uffiċjali tal-Pulizija qabel ma saret stqarrija bil-miktub, intqal hekk:

> "M'hemmx dubju li l-appellat <u>ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem</u>. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.

> "L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar l-għemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala *hearsay*.

> "Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li l-appellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija." (sottolinear ta' din il-Qorti)

**10.** Fil-każ odjern, il-Pulizija bagħtet għall-appellant wara li Mario Galea kien qalilhom li kien ibnu l-appellant li kien qiegħed isuq il-karozza in kwistjoni. Jiġifieri l-appellant kien **"persuna suspettata"**. Huwa minnu illi ma ġiex infurmat li kellu d-dritt ta' assistenza ta' avukat iżda meta mar għand il-Pulizija huwa mar volontarjament u ma kienx taħt arrest. Irid jingħad, pero`, illi bħala persuna suspettata, meta interrogat mill-Pulizija, l-appellant lanqas ma ngħata twissija (ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Konsegwentement dak li qal l-appellant lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.

**11.** Għalhekk, u fl-assenza ta' provi oħra, l-appell jimmerita akkoljiment.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------